Avviż Numru CCT 66/15-F

**Mark Cesareo u Maria C. Micallef**
**vs**
**Prestige Travel Marketing Ltd.**

Illum, 30 ta' Novembru, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-1 t'April, 2015 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni ta' ħames mitt ewro (€500), rappreżentanti depożitu fuq tieġ ġewwa Cavalieri Art Hotel li ma ġiex rifuż lilhom.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, minkejja li attendiet għas-seduta.

Illi wara li semà' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi kienu għamlu depożitu ta' ħames mitt ewro (€500) għal tieġ ġewwa Cavalieri Art Hotel. L-intendiment kien li dan kien *provisional booking* u għalhekk kellu jiġi konfermat wara li jmorru jaraw il-hotel u li ġew infurmati li d-depożitu kien *refundable*. Illi meta marru l-hotel kienu diżappuntati bis-servizz u l-ikel, u għalhekk ikkanċellaw il-post. Meta talbu għar-rifużjoni tad-depożitu, ma tawhulhomx.

L-intimat daparte tiegħu ssottometta illi sar depożitu ta' ħames mitt ewro (€500) u għalhekk peress illi ma ġiex ikkonfermat it-tieġ, m'għandux iħallas lura d-depożitu għax tilfuh.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi jidher li kien hemm xi malintiż bejn ir-rikorrenti u l-intimat, jidher illi r-rikorrenti kien qed jifhem li d-depożitu kien suġġett illi jiġi approvat minnu stess fuq il-post wara li kellu jarah, waqt li l-intimat kien taħt l-impressjoni li la sar id-depożitu allura l-kuntratt kellu jsir. Jidher ukoll li kien hemm xi tibdil ta' impjegati daparte tas-soċjeta' ntimata li seta' wassal għal dan id-diżgwid.

It-Tribunal jinnota illi minħabba il-malintiz li kien hemm bejn il-partijiet u hemm obbligu li l-intimat jfiehem sew lill-klijent dak li qiegħed jintalab ghalhekk hemm responsabilita akbar fuq l-intimat

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qiegħed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas lir-rikorrenti is-somma ta' ħames mitt ewro (€500), u bl-ispejjeż jiġu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**